MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 4/2008

**Maria armla ta' Paul Vella.**

**VS**

**Gianni, Nazzareno u Antonio aħwa Mifsud.**

Iċ-Chairman,

Ra r-rikors ta' Maria Vella li permezz tiegħu wara li ppremettiet:

Illi hija proprjetarja tal-fond ossia ħanut bin-numrju 35, Savina Square, Victoria, Għawdex li hja kienet tikri lil omm l-intimati, llum mejta li kien jisimha Maria Mifsud bil-kera ta' Lm 20 ekwivalenti għal €46.59 fis-sena pagabbli kull ħmistax ta' Diċembru, ta' kull sena.

Illi l-fond imsemmi ilu magħluq għal dawn l-aħħar sentejn u mhux qiegħed jinfetaħ regolarment għan-negozju u ma

huwa qed isir ebda bejgħ mill-imsemmi fond li kien użat bħala landier biex b'hekk qed isirlu ħsarat bin-non uso, kif ukoll bdil fid-destinazzjoni tal-fond.

Illi jirriżulta illi l-fond inqalgħalu l-*meter* tad-dawl u ilma u lanqas ma jitħallsu liċenzji għall-operazzjoni ta' l-istess fond biex b'hekk żgur ma jista' qatt ikun ikkunsidrat li għadu ħanut kummerċjali.

Illi għalhekk ġja la darba dan il-fond mhux qiegħed jinfetaħ regolarment fil-ħinijiet kollha li solitalment jinfetħh l-ħwienet, l-intimati m'għandhomx jibqgħu fil-pussess tal-kirja in kwistjoni li għandha għalhekk tiġi terminate u dan kif ġie awtorevolment deċiż mill-*Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi tagħha tat-12 ta' Diċembru, 1996, fil-kawża Maria Concetta Zammit Lupi et –vs- Joseph La Rosa De Cristofaro fuq skorta ta' sentenzi bħal dak deċiż mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Mejju, 1973, fl-ismijiet Joseph Tonna –vs- Anthony Degiorgio; 8 ta' frar, 1954 – Schembri –vs- Bonnici; 13 ta' Mejju, 1960 – Portelli –vs- Debono; 26 ta' Mejju, 1961 – Farrugia –vs- Vella u 20 ta' Mejju, 1963 – Sultana –vs- Bugeja.*

Illi in oltre' meta ħanut ma jinżammx regolarment miftuħ jiġi qiesu li qiegħed jinżamm magħluq u hekk ikun qiegħed jiġi użat mhux skond id-destinazzjoni tiegħu (*vide Appell Civili – Mallia vs Farrugia Ellis – Deċiża 25 ta' Novembru , 1963).*

Illi in oltre' meta ħanut idum ħafna magħluq u ma jibqax jiġi ġestit regolarment u jinfetaħ kultant biss għal xi bejgħ sporadiku, ikun hemm użu divers tal-fond u għalhekk il-protezzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma tibqax aktar viġenti in confront ta' l-istess intimate (*vide Sentenzai Appell Civili – Magro vs. Agius – 13 ta' Jannar, 1964; Magri –vs. Farrugia – Vol. 24, Part I, Page 164; John Farrugia vs. Giovanna Tabone – 25 ta' Ottubru, 1987; Agnes Bezzina et vs. Albert Rizzo – 17 ta' Gunju, 1995 u Rosina Ciappara vs. Giovanni Grech – 6 ta' Diċembru, 1994).*

Talbet li dan il-Bord jgħoġbu jordna r-ripreża tal-fond ossia ħanut numru 35, Savina Square, Victoria, Għawdex fi

żmien qasir u perentorju taħt dawk l-ordnijiet u provvedimenti li dan l-Onorabbli Bord jgħoġbu xieraq u opportun.

Innota illi l-intimati debitament notifikati, fid-9 ta' Settembru, 2008, naqsu li jwieġbu għal dan ir-rikors,

Innota illi fl-udjenza tat-8 ta' April, 2010 ġew preżentati kapitoli għas-subizzjoni ta' l-intimati, peress li dawn naqsu illi jidhru għal din l-udjenza,

Innota wkoll illi fl-udjenza tal-lum l-istess intimati reġgħu naqsu illi jidhru sabiex jikkontestaw dawn il-kapitoli.

Il-Bord għalhekk wara illi fetaħ l-istess Kapitoli, li għandhom skond il-liġi jiġu dikjarati ammessi, jiddeċidi r-rikors billi jilqa' t-talba u jordna r-ripreża tal-fond ossia ħanut numru 35, Savina Square, Victoria, Għawdex, fi żmien xahrejn mill-lum. Spejjeż ikunu għall-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------